Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,607, 13 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 159 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar, 2021 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti li jiksbu l-marka medja minima ta' 65% fil-qasam ta' studju magħżul għall-Kors bl-Unuri iżda li jkun jonqoshom sa 12–il krettu għal kwalunkwe taqsimiet studju obbligatorji f'dan il-qasam ta' studju, jistgħu jitħallew jipproċedu kondizzjonalment għat-Tieni Sena tal-kors tal-B.A.(Hons),sakemm li jtemmu b'suċċess it-taqsima/taqsimiet obbligatorji li jkunu weħlu fihom, fis-sena ta' wara."